*AMMISSJONI*

# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 25 ta' April 2002**

**Numru: 38**
**Citaz. numru: 1146/01/RCP**

**JoeRo Limited**

**vs**

**Pyramid Hotel Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta' attrici li biha wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici ghamlet xoghlijiet fil-lukanda Pyramid Hotel kif lilha hekk kommissjonat mill-istess socjeta' konvenuta;

Illi dan l-appalt l-istess socjeta' attrici ghad baqghalha tircievi l-ammont bilancjali ta' sittax-il elf seba' mija u sitta u hamsin lira Maltija (Lm16,756);

Illi l-istess socjeta' konvenuta, nonostante li giet interpellata biex thallas, baqghat inadempjenti;

L-istess socjeta' attrici ghalhekk talbet li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeciedi skond it-talba tas-socjeta' attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Konsegwentement tikkundannaha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sittax-il elf seba' mija u sitta u hamsin lira Maltija (Lm16,756) ammont lilha dovut bhala bilanc ghal xoghlijiet ezegwiti fil-Pyramid Hotel kif hekk lilha kommissjonati;

Bl-interessi u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Jannar 2001, kontra s-socjeta konvenuta ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta` attrici;

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta tal-25 ta' April 2002 li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta permezz ta' nota tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi:

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sittax-il elf seba' mija u sitta u hamsin lira Maltija (Lm16,756) ammont lilha dovut bhala bilanc ghal xoghlijiet ezegwiti fil-Pyramid Hotel kif hekk lilha kommissjonati;

Bl-interessi u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Jannar 2001, kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**17 ta' April, 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**17 ta' April, 2002**